MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 365/2001/1

**Peter Montebello**

**Vs**

**Laurence Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur fl-incident awtomobilistiku li sehh nhar is-7 ta Lulju 2000, f'Hal-Luqa bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAM 343, misjuqa mill-attur u l-vettura CAF 165 misjuqa mill-konvenut, meta konsegwenza ta' negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-trafiku, ikkawzat l-incident aktar 'l fuq indikat bil-konsegwenza li l-attur soffra diversi hsarat fil-vettura tieghu u cioe' fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAM 343 u ghal liema

incident il-konvenut unikament responsabbli. Ghal fini ta' kompetenza ma jeccedix Lm700.00 (seba mitt lira Maltin)

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tat-22 ta' Frar 2001 u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut sottomessa avolja l-istess konvenut ma kienx gie notifikat bl-avviz in esami (ara fol 10 u fol 11 'a tergo' tal-istess atti kif ukoll fol 28 ibid) u li permezz taghha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta u dana peress li l-incident in kwistjoni sehh tort unikament tal-attur Peter Montebello.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, f'dan il-kaz, kif risultanti minn <u>fol 28, 29 u 30</u>, il-konvenut inghata l-opportunita sabiex jissottometti l-provi da parti tieghu u dan sabiex jsostni dak eccepit minnu u jikkontrobatti dak allegat mill-attur fl-avviz in esami. Pero tali provi qatt ma gew prodotti avolja jidher li l-konvenut kien iddikjara li, bhala prova, kellu biss jipproduci "…. x-xhieda tieghu".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tal-<u>attur</u>, dan issottometta x-xhieda tieghu (fol 18 tal-istess atti oltre li ppresenta, permezz ta' nota, d-<u>dokumenti</u> a fol 23 sa fol 26 tal-istess atti sabiex din il-Qorti tkun tista' tillikwida d-danni sofferti mill-istess attur, bhala konsegwenza tal-incident in esami.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u>, fl-istess xhieda, spjega li l-istess incident, kif risultanti mid-dokument esebit u anness a fol 27 ibid, kien wiehed "<u>bumper to bumper</u>' ossija 'Front to rear" liema

formola, jew ahjar dikjarazzjoni tidher li giet iffirmata mill-istess konvenut. Dwar din il-kollisjoni, l-attur ikkonferma, taht gurament illi, waqt li kien wieqaf sabiex vettura ohra ddur mar-‘roundabout’ specifikata fl-istess xhieda, karozza ohra, misjuqa mill-konvenut giet, minn warajh, u ‘….tani daqqa fuq wara (fuq) bil-karozza tieghu”. Wara l-incident, giet mimlija, minni w il-konvenut, il-formola ossja dikjarazzjoni msemmija, waqt li l-konvenut ‘… ammetta t-tort’. Inoltre, l-assikurazzjoni tal-konvenut kienu baghtu ‘surveyor’ sabiex dan jesamina l-vettura tal-attur, waqt li din kienet ghand il-‘panel beater’ maghzul mill-istess attur. Pero hu ma kienx gie risarcit mill-assikurazzjoni tal-konvenut, peress li l-konvenut ma kienx hallas lill din, l’hekk imsejjah ‘excess’.

Illi mill-istess xhieda u dokument imsemmijin, jidher evidenti li dan l-incident gara unikament minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, bhala ‘quantum’ ta’ danni, jidher mid-dokumenti l-ohra, gja msemmijin ukoll, illi dana jammontaw ghal Lm414.49,0.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident stradali in esami u dan minhabba negligenza, imperizja, imprudenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm414.49,0.
3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ Lm414.49,0 bl-imghax legali mill-24 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta’ Frar 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------